

Brussell, 7 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11664/23

ENV 832
CLIMA 350
AGRI 385
FORETS 82
RECH 347
ENER 438
IND 378
COMPET 745
CHIMIE 70

SAN 451
ECOFIN 761
CONSOM 274
AGRILEG 128
SEMENCES 30
PHYTOSAN 42
PESTICIDE 37
FOOD 58

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 410 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-iżgurar tal-użu sostenibbli u reżiljenti tar-riżorsi naturali tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 410 final.

Mehmuż: COM(2023) 410 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2023
COM(2023) 410 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-iżgurar tal-użu sostenibbli u reżiljenti tar-riżorsi naturali tal-UE

1. Introduzzjoni

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa essenzjali għas-saħħa tal-popli u tal-pjaneta tagħna. Mill-preżentazzjoni tiegħu f'Diċembru 2019, huwa ta bidu għal trasformazzjoni profonda u olistika tas-soċjetà tagħna u tal-ekonomija tagħna. L-inizjattivi **“Lesti għall-mira ta’ 55 %”** diġà maqbula u kompluti u l-progress miksub fir-rigward tal-proposti dwar **l-ekonomija ċirkolari** u **t-tniġġis żero** jwittu t-triq lejn l-ilħuq tal-miri klimatiċi tal-Unjoni Ewropea għall-2030 u l-2050.

Dawn l-inizjattivi u l-miri tagħhom jibbażaw fuq soluzzjonijiet ipprovduti min-natura tagħhom, l-aħjar alleat tagħna fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll fuq teknoloġiji ġodda u innovazzjoni. Biex jiġu rispettati l-impenji internazzjonali tal-Unjoni Ewropea kemm skont il-Ftehim ta’ Pariġi kif ukoll skont il-Qafas tal-Bijodiversità Kunming-Montreal kif ukoll fid-dawl tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, biex tiġi żgurata tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli u biex jinkisbu riżultati dwar in-newtralità u l-adattament għall-klima, b’mod partikolari biex intejbu l-assorbiment tal-karbonju minn bjar naturali, u biex inwettqu l-Liġi tal-UE dwar il-Klima, irridu nirrestawraw u nsaħħu b’mod urġenti r-reżiljenza tal-ekosistemi naturali madwar l-UE. Irridu nżidu l-kapaċità tagħhom biex jgħinuna nadattaw għat-tibdil fil-klima, intejbu l-preservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma, u nsaħħu l-kapaċità produttiva tagħhom biex niżguraw sigurtà dejjiema alimentari u tal-materjali.

Minħabba li n-nixfa, in-nirien mhux ikkontrollati, l-iskarsezza tal-ilma u r-riskji tal-għargħar qed jiżdiedu b’mod rapidu, u traġikament diġà jaffettwaw tliet kwarti tal-pajjiżi Ewropej¹, huwa għalhekk meħtieġ aktar progress fuq pilastru ieħor tal-Patt Ekoloġiku: **l-iżgurar tal-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-UE**. Dan se jsaħħaħ ukoll ir-reżiljenza alimentari u tal-biedja Ewropea.

L-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi naturali huwa wieħed mill-ixprunaturi ewlenin tal-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità li, min-naħa tagħhom, diġà ssarrfu f’eluf ta’ haġġiet u jiswew biljuni ta’ euro fl-UE biss². Biex niżguraw futur abitabbli u sostenibbli għalina nfusna u għall-ġenerazzjonijiet li jmiss, u biex insaħħu r-reżiljenza tal-UE kontra diżastri, huma essenzjali ekosistemi b’saħħithom. Id-degradazzjoni u t-tniġġis tal-ħamrija u r-reżiljenza mdgħajfa tal-ekosistema għandhom kost għal ħafna setturi, speċjalment l-agrikoltura, is-sajd u l-ktajjen tal-valur relatati. Min-naħa tiegħu, it-telf fir-rendimenti minħabba l-ambjent degradat, it-tniġġis, in-nixfa, il-mewġiet ta’ sħana, l-għargħar u organiżmi ta’ ħsara ġodda jiġi b’kost għall-bdiewa, għas-sajjieda u konsegwentement għaċ-ċittadini f’żieda fil-prezzijiet tal-ikel.

B’dan il-pakkett, l-UE tkompli tirrispetta l-impenji internazzjonali tagħha billi twitti t-triq għal ħamrija b’saħħitha fl-Ewropa billi tistabbilixxi proposta **dwar il-monitoraġġ u r-reżiljenza tal-ħamrija** li se tippermettelnha nimmonitorjaw is-saħħa tal-ħamrija u noffru firxa

¹ Ċentru Konġunt tar-Riċerka – Osservatorju Ewropew tan-Nixfa

² Bejn l-1980 u l-2021, id-danni relatati mat-temp u mal-klima ammontaw għal madwar EUR 560 biljun (valuri tal-2021). Huwa ta’ tħassib li matul l-aħħar 10 snin, id-danni relatati mat-temp u mal-klima komplew jiżdiedu b’mod kostanti. Avveniment wieħed bħall-għargħar tal-2021 fil-Ġermanja u fil-Belġju jista’ jikkawża kważi EUR 50 biljun f’danni.

ta' miżuri ta' appoġġ biex, progressivament, iŋġibuha f'kundizzjoni tajba. Kif stabbilit fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, dan jipproponi wkoll qafas regolatorju ġdid għall-**materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti** li se jagħti spinta lill-innovazzjoni u lill-prattiki sostenibbli, filwaqt li jisfrutta l-progress teknoloġiku f'**tekniki ġenomiċi ġodda** biex jiġu żviluppati pjanti reżiljenti u jkun jista' jsir aktar tnaqqis fl-użu u fir-riskju tal-pestiċidi kimiċi. Il-miżuri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-**ħela tal-ikel u tat-tessuti** se jikkontribwixxu wkoll għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali u għal aktar tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif stabbilit ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari.

Dan il-pakkett **jikkompleta l-proposti preċedenti tal-Patt Ekoloġiku** diġà adottati, bħal-Liġi dwar il-Klima u r-**Regolament LULUCF** rivedut, jew dawk li għadhom fil-proċess ta' kodeċizzjoni, **bħal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura**, li hija l-proposta ewlenija tal-pilastru tar-riżorsi naturali tal-Patt Ekoloġiku u hija essenzjali biex jintlaħqu l-miri internazzjonali miftiehma dwar il-bijodiversità. Dan il-pakkett huwa marbut mill-qrib ukoll ma' proposti dwar iċ-**ċertifikat tal-assorbiment tal-karbonju**, jew l-**użu sostenibbli tal-pestiċidi** u dawk relatati ma' **tniġġis zero**. Flimkien, dawn il-proposti **se jippermettu lill-UE tidderieġi u tħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà sostenibbli**.

Flimkien, dawn il-miżuri se jgħibu benefiċċji ekonomiċi, soċjali, tas-saħħa u ambjentali fit-tul għal kulħadd. Dawn se jkunu ta' benefiċċju b'mod partikolari għal dawk li jgħixu direttament mill-art u min-natura, fil-forma ta' **assi naturali aktar reżiljenti**. Dan jikkontribwixxi għal żoni rurali prosperi, għas-**sigurtà alimentari**, għal **bijoekonomija** reżiljenti u **b'saħħitha** u jipproteġi kontra l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u tat-telf tal-bijodiversità. Billi jżidu r-reżiljenza u s-saħħa tal-ħamrija, dawn il-proposti jistgħu jipprovdu **opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali għall-bdiewa u għall-manijers tal-artijiet**, li jistgħu jiġu ppremjati għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jirċievu pagamenti għas-servizzi tal-ekosistema jew għaż-żieda fil-valur ta' ħamrija b'saħħitha u ta' ikel prodott fuqha.

2. L-isfruttar tar-riżorsi naturali u t-titjib tas-saħħa tal-ħamrija

Ir-realtà tal-lum hija li l-kundizzjoni tal-ħamrija tal-UE hija estremament inkwetanti. Sittin sa sebgħin fil-mija tal-ħamrija fl-UE bħalissa ma hijiex b'saħħitha³. Barra minn hekk, kull sena, biljun tunnellata ta' ħamrija tinħasel minħabba l-erożjoni, li jfisser li s-saff fertili ta' fuq li jifdal qed jonqos kontinwament. It-teħid tal-art u s-siġillar tal-ħamrija qed iwasslu wkoll għal telf irriversibbli tal-ħamrija l-aktar fertili. Il-kostijiet globali assoċjati mad-degradazzjoni tal-ħamrija huma stmati li jaqbu l-EUR 50 biljun fis-sena. Mingħajr azzjoni xierqa, dawn il-kostijiet se jkomplu jiżiedu.

In-nixfiet, l-għargħar, it-tifqigħat ta' pesti, in-nirien mhux ikkontrollati, u avvenimenti estremi oħra tat-temp ikkawżati mill-klima (inklużi l-maltempati) iddegradaw is-saħħa u r-reżiljenza tal-ħamrija tagħna ulterjorment. Il-frekwenza tagħhom żdiedet matul l-aħħar snin. Il-firxa ta' impatti intensi ta' nixfa qed tiżdied fl-UE u dan jindika li l-kundizzjoni tal-ekosistema qed

³ Xprunaturi tas-Sigurtà Alimentari, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2023) 4

tmur għall-aġar. Mill-2000, 8 snin kienu oġhla mill-medja fit-tul f'termini tal-impatt tan-nixfa, li minnhom 5 snin seħħew fl-aħħar 10 snin⁴. Għaxra fil-mija tal-popolazzjoni urbana tal-Ewropa bħalissa qed tgħix f'żoni potenzjalment f'riskju ta' għargħar⁵.

L-aħħar żewġ staġuni ta' nirien mhux ikkontrollati (2021 u 2022) urew xejra inkwetanti ta' għadd oġhla milli mistenni ta' nirien mhux ikkontrollati kif ukoll ta' żoni akbar ta' art maħruqa. L-istaġuni tan-nirien mhux ikkontrollati qed jibdew ukoll aktar kmieni u jispiċċaw aktar tard fis-sena. Għalhekk, f'dawn l-aħħar snin kien hemm aktar Stati Membri li talbu appoġġ minn Stati Membri oħra permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (Union Civil Protection Mechanism, UCPM) biex jitfu n-nirien, peress li qiesu r-riżorsi ta' rispons tagħhom stess bħala insuffiċjenti.

Madankollu, it-tishiġ tal-kapaċitajiet ta' rispons għan-nirien, għall-għargħar, għall-erożjoni tal-ħamrija u għan-nixfiet ma huwiex biżżejjed. It-titjib tas-saħħa tal-ħamrija huwa t-triq 'il quddiem essenzjali biex jissaħħu l-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri.

Il-ġestjoni tan-nixfiet u l-iskarsezza tal-ilma jeħtieġu approċċi innovattivi li jikkombinaw risponsi aktar tradizzjonali tal-ġestjoni tal-ilma u tar-riskji ta' nixfa b'fokus fuq il-bini ta' reżiljenza akbar tal-ekosistema. Ħamrija b'saħħitha żżomm sa 25 % tal-massa tagħha fl-ilma, u b'hekk tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tar-riskju ta' diżastri u taġixxi bħala riżerva fit-tul biex jimtlew mill-ġdid il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art. Il-kapaċità naturali ta' ħamrija reżiljenti, artijiet mistagħdra u foresti biex jaħżnu l-ilma hija oġhla minn dak li jista' jinkiseb permezz ta' riżervi artifiċjali ġodda li jiswew ħafna flus⁶. Iż-żamma mtejba tal-ilma tista' ttaffi l-għargħar kif ukoll in-nixfiet u tagħmel l-ambjent aktar reżiljenti għall-uqigħ tal-art u l-erożjoni tal-ħamrija. B'mod ġenerali, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-prevenzjoni tal-għargħar, pereżempju, għandhom proporzjonijiet kostijiet-benefiċċji għoljin⁷. Ħamrija b'saħħitha b'rata għolja ta' infiltrazzjoni tal-ilma tappoġġa wkoll l-istabbiliment ta' kopertura veġetali li tipprevjeni n-nirien mhux ikkontrollati u li hija reżistenti għalihom.

Minbarra li tgħin fit-tnejn għall-effetti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima, il-ħamrija b'saħħitha hija wkoll il-prekundizzjoni għal saħħitna stess, kif ukoll għas-saħħa ta' ħafna ekosistemi. Dawn jiffurmaw il-bażi għall-produzzjoni agrikola tal-ikel u għal bijoekonomija sostenibbli. Peress li 95 % tal-ikel tagħna huwa prodott direttament jew indirettament fuq il-ħamrija, id-degradazzjoni tal-ħamrija għandha impatt dirett fuq is-sigurtà alimentari. Il-ħamrija hija wkoll sors essenzjali ta' materja prima indispensabbli għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħna. Ir-riżorsi naturali u s-servizzi pprovduti minn ekosistemi b'saħħithom, inkluża l-produzzjoni tal-ikel, huma kruċjali għall-vijabbiltà tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna. Peress li l-ħamrija degradata u mniġġsa għandha kapaċità mnaqqsa ħafna li taħżen il-karbonju u li tagħmel in-nutrijenti disponibbli b'mod naturali għall-pjanti, id-degradazzjoni ulterjuri tal-ħamrija Ewropea tagħmel ukoll l-ilħuq tal-miri klimatiċi Ewropej u l-obbligi legali tal-Istati

⁴ <https://www.eea.europa.eu/ims/drought-impact-on-ecosystems-in-europe>

⁶ "What the future has in Store: A new Paradigm for Water Storage", The World Bank, 2023.

⁷ "Economics for Prevention and Preparedness: Investment in Disaster Risk management in Europe makes Economic Sense", The World Bank report, 2021, Rapport sommarju, p. 14.

Membri skont il-LULUCF aktar diffiċli. B'mod parallel, il-ħamrija degradata tnaqqas l-argument għall-vijabbiltà għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola filwaqt li ħamrija b'saħħitha tiżgura l-introjti tal-bdiewa mill-produzzjoni tal-ikel, mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola kif ukoll mill-assi tal-azjenda agrikola.

Din hija r-raġuni għaliex huwa tant importanti li l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-bdiewa u sidien oħra tal-art jiżviluppaw u jstabilixxu l-miżuri x-xierqa għall-ġestjoni u għar-riġenerazzjoni tal-ħamrija fil-post it-tajjeb. Għal dan il-għan, il-**Proposta dwar il-ħamrija** tistabilixxi **qafas solidu u koerenti għall-monitoraġġ tal-ħamrija għall-ħamrija kollha** madwar l-UE u biex kontinwament tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija fl-Unjoni bl-għan li tinkiseb ħamrija b'saħħitha sal-2050. Il-proposta tibni fuq prattiki diġà appoġġati mill-Politika Agrikola Komuni u ma tintroduċi l-ebda obbligu ġdid fuq il-bdiewa. Il-qafas ta' monitoraġġ iġib diversi sorsi ta' *data* dwar il-ħamrija taħt saqaf wieħed, li jikkombina d-*data* tal-kampjunar tal-ħamrija mill-Istħarriġ Qafas Statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta⁸ (Land Use and Coverage Area frame Survey, LUCAS) ma' *data* satellitari minn Copernicus, *data* ġenerata mill-Missjoni tal-UE "A Soil Deal for Europe"⁹, kif ukoll ma' *data* nazzjonali u privata.

Dan se jiffaċilita l-isforzi tal-Istati Membri fil-monitoraġġ tal-impenji tagħhom skont il-LULUCF u l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, il-Politika Agrikola Komuni kif ukoll skont il-Liġi proposta dwar ir-Restawr tan-Natura. Dan se jikkontribwixxi għall-Monitoraġġ u l-Prospettiva regolari ta' Tniġġis Żero¹⁰ u għall-Monitoraġġ tal-Bijodiversità fejn, sa issa, id-*data* dwar il-ħamrija ma hijiex inkluża fl-istess livell tad-*data* dwar l-arja u l-ilma. Fl-istess ħin, dijanjożi akkurata madwar l-UE se tgħin lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, lill-bdiewa u lil sidien oħra tal-art biex jiżviluppaw u jstabilixxu l-miżuri xierqa għall-ġestjoni u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija.

Id-*data* dwar il-ħamrija se tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp u l-użu tal-innovazzjoni, is-soluzzjonijiet teknoloġiċi u organizzazzjonali fil-prattiki tal-biedja inklużi d-diversifikazzjoni tal-għelejjel, il-biedja ta' preċiżjoni, l-iżvilupp tal-pjanti, l-għodod diġitalizzati għall-ġestjoni tal-ħamrija jew l-użu ta' soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali minn sistemi ta' detezzjoni u sistemi ta' kejl ibbażati fuq il-post. Dan se jippermetti lill-bdiewa jimplementaw l-aktar metodu ta' trattament xieraq u jgħinhom iżommu u jżidu l-fertilità u r-rendimenti tal-ħamrija, filwaqt li jimminimizzaw il-konsum tal-ilma u tan-nutrijenti. Barra minn hekk, id-*data* dwar il-ħamrija tippermetti analiżi mtejba tax-xejriet dwar in-nixfiet, iż-żamma tal-ilma u l-erożjoni, filwaqt li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri.

Il-proposta tistabilixxi wkoll **prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli applikabbli għall-ħamrija ġestita** fl-Ewropa, inkluża l-ħamrija użata fl-agrikoltura. Din tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw u jiddefinixxu prattiki riġenerattivi b'mod inklużiv mal-bdiewa u ma' maniġers oħra tal-artijiet.

⁸ [Overview - Land cover/use statistics - Eurostat \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&code=sdg-13-10&plugin=1)

⁹ [Soil health and food \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&code=sdg-13-10&plugin=1)

¹⁰ [Zero pollution targets \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&code=sdg-13-10&plugin=1)

L-aċċess għad-*data* dwar il-ħamrija huwa kruċjali wkoll għall-forestiera biex iżommu u jtejbu l-valur ekoloġiku u soċjoekonomiku tal-foresti tagħhom. Foresti u art imsaġġra oħra jkopru kważi nofs il-wieċ tal-art tal-UE u għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ għal bijoekonomija b'saħħitha bbażata fuq il-foresti, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità. L-art forestali hija l-kontributor ewlieni għall-bir ta' karbonju tal-UE. L-importanza tal-foresti u d-diversi funzjonijiet tagħhom hija mistennija li tiżdied fil-futur, anke bħala fornitur tal-materja prima għall-bioekonomija, bil-ktajjen tal-valur estiżi bbażati fuq il-foresti li bħalissa jappoġġaw 4,5 miljun impjieg fl-UE. Madankollu, it-tibdil fil-klima kkawża tnaqqis sinifikanti tas-siġar u telf temporanju tal-foresti f'ħafna Stati Membri tal-UE f'dawn l-aħħar snin. L-impatti ekonomiċi min-nirien fil-foresti laħqu madwar 1,5 biljun fis-sena, filwaqt li ż-żieda fit-temperaturi hija mbassra li tnaqqas il-valur tal-art forestali b'diversi mijiet ta' biljuni ta' euro sal-aħħar tas-seklu minħabba bidliet fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet.

L-adozzjoni, l-iżvilupp fuq skala kbira u s-suċċess ta' mudelli kummerċjali sostenibbli ġodda bħas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola bbażati fuq iċ-ċertifikat tal-assorbiment tal-karbonju u l-pagamenti għas-servizzi tal-ekosistema jeħtieġu *data* ta' kwalità għolja, speċjalment dwar il-ħamrija. Iċ-ċertifikazzjoni volontarja ta' ħamrija b'saħħitha hija mistennija li żżid il-valur taċ-ċertifikat tal-assorbiment tal-karbonju u li tipprovdi aktar rikonoxximent soċjali u tas-suq għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u prodotti tal-ikel relatati.

Il-benefiċċji tal-ħamrija fertili u r-rikonoxximent ta' miżuri biex jinkiseb dan se jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-finanzjament privat, peress li l-industrija alimentari u negozji oħra diġà bdew jistabbilixxu programmi mmirati biex iħallsu għal servizzi tal-ekosistema u jappoġġaw prattiki sostenibbli relatati mas-saħħa tal-ħamrija. Id-diversifikazzjoni tas-sistemi tal-produzzjoni agrikola u tal-forestrija, flimkien ma' varjetà akbar ta' prodotti kummerċjabbli, jipprovdu wkoll opportunitajiet għal impjegi ġodda fl-UE. L-inizjattivi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tal-Politika Agrikola Komuni, strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE bħal LIFE, u Orizzont Ewropa, finanzjament pubbliku bħal għajnuna mill-Istat, inizjattivi privati marbuta mas-swieq tal-karbonju, jew permezz ta' taħlita ta' dawn l-għażliet ta' finanzjament.

Kaxxa 1. Il-kisba tal-benefiċċji minn *data* u għarfien imtejba

- Il-proposta dwar il-ħamrija se tippermetti lill-bdiewa u lill-forestiera jkollhom aċċess għal pariri indipendenti u imparzjali dwar kif jistgħu jgħibu l-ħamrija tagħhom f'saħħitha.
- Il-manigġers kollha tal-artijiet se jkollhom aċċess (volontarju) għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Dan se jkollu impatt fuq il-valur tal-art. Huwa mistenni li ħamrija b'saħħitha se jkollha valur ogħla, peress li se jkun evidenti li hija aktar reżiljenti għall-effetti tat-tibdil fil-klima u l-volatilità tat-temp. Dan huwa kruċjali għas-suq tal-art, kif ukoll għall-bdiewa zghażaġh u ġodda. Ĥamrija b'saħħitha tipproduċi ikel tajjeb għas-saħħa, taħżen aktar karbonju tirregola l-flussi tal-ilma u tan-nutrijenti u tappoġġa l-bijodiversità. Dan jista' jiġi rifless ukoll mis-suq, pereżempju fit-tikkettar sostenibbli jew permezz ta' krediti tal-karbonju fil-kuntest taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-

karbonju.

- Id-*data* dwar il-*ħamrija* se tippermetti lill-bdiewa jqisu l-varjetà tal-kundizzjonijiet tal-*ħamrija* u għalhekk tippermettilhom jimplementaw l-aktar metodu ta' trattament xieraq: dan se jwassal għal żieda fil-fertilità u fir-rendimenti, filwaqt li jiġi mminimizzat il-konsum tal-ilma, tal-pestiċidi u tal-fertilizzanti.
- *Data* dwar it-tniġġis tal-*ħamrija* qed tintalab dejjem aktar mis-sidien tal-proprietà tal-art u taffettwa l-valur tal-art b'mod partikolari f'każijiet fejn ikun meħtieġ rimedju (eż. minn siti industrijali preċedenti) qabel ma l-art tkun tista' terġa' tintuża għal skopijiet oħra (eż. akkomodazzjoni).
- L-aċċess għad-*data* se jiffaċilita wkoll l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni f'oqsma agrikoli bħall-biedja ta' preċiżjoni, il-ġestjoni u d-diversifikazzjoni tal-għelejjel, l-għodod diġitalizzati għall-ġestjoni tal-*ħamrija* jew l-użu ta' soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali minn sistemi ta' detezzjoni u sistemi ta' kejl ibbażati fuq il-post.
- Barra minn hekk, id-*data* dwar il-*ħamrija* tista' tintuża mill-Istati Membri u mill-UE għal analiżi mtejbja tax-xejriet fin-nixfiet u l-għargħar, u b'hekk tikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tad-diżastri u f'reżiljenza aħjar.
- Il-Missjoni tal-UE Patt dwar il-*Ħamrija* għall-Ewropa qed tittestja u żżid is-soluzzjonijiet għall-ġestjoni sostenibbli tal-art u tal-*ħamrija* fl-agrikoltura, fil-forestrija u f'użi oħra tal-art biex isir progress lejn *ħamrija* aktar b'saħħitha u tgħin biex isir progress fil-monitoraġġ u r-rappurtar armonizzati tal-*ħamrija* fl-Ewropa. L-ikel huwa wkoll wieħed mis-sistemi ewlenin indirizzati fil-Missjoni tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima li l-ambizzjonijiet tagħha huma li jkun hemm mill-inqas 150 reġjun jew entità lokali reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2030.
- Is-Sħubija Ewropea għall-Bijodiversità, is-Sħubija Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ilma għall-Pjaneta, is-Sħubija dwar is-Sistemi Alimentari Sostenibbli, is-Sħubija għall-Agroekoloġija huma inizjattivi miftiehma ta' riċerka u innovazzjoni, li jipprovdu soluzzjonijiet konkreti lill-partijiet ikkonċernati li jridu jieħdu azzjoni dwar l-ikel, l-ilma u l-bijodiversità.

3. Appoġġ għal sistemi alimentari reżiljenti u sostenibbli

Il-kriżi doppja tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità poġġiet l-enfasi fuq ir-reżiljenza fit-tul u l-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn sistemi agrikoli u tal-ikel sostenibbli. L-analiżi xjentifika turi b'mod ċar li t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità huma fost l-akbar theddidiet għas-sigurtà alimentari fuq livell globali. Biex niżguraw sigurtà alimentari dejjiema, jeħtieġ li nagħmlu użu mis-soluzzjonijiet kollha disponibbli.

Kif definit fil-proposta għal Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, ir-restawr u t-titjib tal-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli huma urġenti sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn sistemi alimentari sostenibbli u r-reżiljenza fit-tul tagħhom. Aktar minn 75 % tal-għelejjel alimentari globali u kważi EUR 5 biljun tal-prestazzjoni agrikola tal-UE jiddependu fuq id-dakkir mill-annimali. L-evidenza xjentifika tindika li, matul l-aħħar 30 sena, diġà tlietna aktar minn tliet kwarti tal-insetti li jtiru. Bħalissa, speċi waħda minn kull tlieta ta' naħal u ta' friefet fl-UE qed tonqos. L-ekosistemi agrikoli bijodiversi u ġestiti b'mod sostenibbli huma aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Biex nappoġġaw ir-reżiljenza tal-ekosistemi agrikoli tagħna, jeħtieġ li nibbażaw fuq sistema ta' produzzjoni tal-ikel sostenibbli. Dan jirrikjedi ekosistemi

b'saħħithom li jappoġġaw il-fertilità tal-ħamrija, iċ-ċiklaġġ tan-nutrijenti, ir-regolamentazzjoni tal-klima u tal-ilma, id-dakkir, u l-kontroll naturali tal-pesti.

Bijodiversità b'saħħitha u ekosistemi li jiffunzjonaw jagħmlu s-sistemi alimentari, l-ġħajxien u s-soċjetà inġenerali aktar reżiljenti ġħax-xokkijiet u l-istress. L-ekosistemi u l-ħabitats li jiffaċilitaw il-bijodiversità huma ta' benefiċċju ġħall-istabbiltà kumplessiva tal-produzzjoni tal-ġħelejjel. Produzzjoni agrikola aktar sostenibbli li tkun inqas dipendenti fuq il-fertilizzanti u s-sustanzi kimiċi/il-pestiċidi se tagħmel is-settur inqas dipendenti fuq kontributi esterni u aktar reżiljenti b'mod ġħenerali, inkluż ġħall-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima. Dan japplika wkoll ġħall-forestrija, is-sajd u setturi oħra li jiddependu fuq in-natura. Ekosistemi restawrati u aktar bijodiversi se jkunu aktar reżiljenti ġħat-theddid estern u ġħall-impatti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali.

Il-PAK permezz ta' ekoskemi, miżuri agroambjentali-klimatiċi u ġħajjnuna ġħall-investiment ekoloġiku tipprovdi appoġġ ġħat-tnedija ta' Prattiki sostenibbli, bħall-agroekoloġija u l-biedja organika (EUR 97,6 biljun ġħall-perjodu 2023-2027). Barra minn hekk, il-PAK tipprevedi obbligi u appoġġ ġħal servizzi ta' konsulenza li ġħandhom ikunu disponibbli ġħall-bdiewa, u li huma essenzjali meta jsiru bidliet kbar fis-sistemi tal-biedja jew jiġu implimentati Prattiki innovattivi jew kumplessi. B'mod parallel, il-kumpaniji fil-katina alimentari u barra minnha jipprovdu varjetà emerġenti ta' finanzjament privat ġħall-agrikoltura riġenerattiva.

Bħala parti mill-isforzi meħtieġa lejn sostenibbiltà akbar, il-bdiewa jeħtieġu aċċess ġħal innovazzjoni tal-oġħla livell ta' żvilupp tekniku. It-teknoloġiji l-ġħodda jistgħu jġħinu biex tingħata spinta lir-reżiljenza kemm ġħall-agrikoltura kif ukoll ġħall-art forestali u jipprovdu mezzi biex il-ħsad jiġi protett mill-effetti tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali. B'konsegwenza ta' dan, hemm domanda sinifikanti min-nissela u l-bdiewa fl-UE u globalment ġħal varjetajiet adattati aħjar li jagħmlu l-aħjar użu mit-tipi kollha ta' approċċi ta' tniissil inklużi tekniki ġħenomiċi ġħodda.

Tekniki Ġħenomiċi Ġħodda (New Genomic Techniques, NGT) ilhom jiġu żviluppati b'mod rapidu f'dawn l-aħħar żewġ deċennji. Dawn it-tekniki innovattivi jistgħu jtejjbu l-ġħelejjel. Eżempji jinkludu pjanti b'tolleranza jew b'reżistenza mtejjba ġħall-mard u l-pesti tal-pjanti, pjanti b'tolleranza jew b'reżistenza mtejjba ġħall-effetti tat-tibdil fil-klima, inklużi temperaturi jew nixfiet estremi, effiċjenza mtejjba fl-użu tan-nutrijenti u tal-ilma fil-pjanti, u pjanti b'rendimenti oġħla. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-applikazzjoni ta' dawn it-tekniki ġħodda ġħat-tnissil tal-pjanti tfisser li l-pjanti jistgħu jiġu żviluppati aktar malajr (eż., filwaqt li l-pjanta żviluppata permezz ta' Tekniki Ġħenomiċi Ġħodda tista' tieħu ftit tas-snin biex tasal fis-suq, l-istess pjanta tista' tieħu bejn 10 snin u 15-il sena meta mnissla minn metodi ta' tniissil konvenzjonali), irħas u, speċjalment, li l-bidliet ikunu aktar immirati u preċiżi milli bl-użu ta' tniissil konvenzjonali jew tekniki ġħenomiċi stabbiliti. Sett modern ta' regoli jista' jżid il-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE, jiżblokka l-potenzjal tar-riċerka tal-UE u jwassal varjetà usa' ta' ikel lill-konsumaturi, filwaqt li jżid is-sigurtà globali tal-ikel. Il-pjanti bbażati fuq Tekniki Ġħenomiċi Ġħodda jistgħu jikkontribwixxu wkoll ġħat-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi u r-

riskji tagħhom, li huwa l-għan tal-proposta għal regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti¹¹.

Il-proposta **dwar Tekniki Ġenomiċi Ġodda** tikkombina standard għoli ta' protezzjoni kemm għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali u għall-ambjent b'kontribut għal sistema alimentari reżiljenti u sostenibbli permezz ta' prodotti tal-pjanti innovattivi. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' pjanti bbażati fuq Tekniki Ġenomiċi Ġodda u prodotti li -biex jiġi evitat piż bla bżonn- iqisu li, f'xi każijiet, Tekniki Ġenomiċi Ġodda jwasslu għal pjanti u prodotti li huma komparabbli ma' dawk ta' trobbija konvenzjonali, u f'każijiet oħra jinvolve modifiki aktar kumplessi. Tippiżenta wkoll regoli ċari biex tiżgura t-trasparenza dwar il-pjanti u l-prodotti miksuba minn Tekniki Ġenomiċi Ġodda, inkluż it-tikkettar taż-żrieragħ. Dan se jipprovi lill-bdiewa b'għażla ċara u infurmata. Fl-istess ħin, din il-proposta hija komplementari għal metodi oħra ta' biedja sostenibbli, bħall-biedja organika, li mhux se tuża Tekniki Ġenomiċi Ġodda.

Il-qafas abilitanti propost se jappoġġa l-kompetittività tar-riċerka Ewropea, u s-settur tat-tniissil divers tal-pjanti u dak agrikolu. Is-settur Ewropew taż-żerriegħa huwa l-akbar esportatur fis-suq globali taż-żerriegħa¹² (20 % tas-suq globali b'valur stmat ta' EUR 7-10 biljun b'madwar 7 000 SMEs, il-kapaċità tagħhom ta' innovazzjoni fit-tul, il-kompetittività u l-produzzjoni fl-UE huma kruċjali għas-sigurtà alimentari tal-UE) u l-abbiltà li jintużaw teknoloġiji innovattivi hija prerekwiżit biex tinżamm il-kompetittività tal-UE u biex jinżamm il-kontribut kontinwat tagħha għas-sigurtà alimentari globali. L-innovazzjoni se tpoġġi lill-UE fuq quddiem nett fl-iżviluppi teknoloġiċi u fil-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali globali ġġenerati minn dawn it-teknoloġiji l-ġodda. Il-proposta tintroduċi proċess rapidu għan-negozji li jew ikollhom juru li l-pjanti bbażati fuq Tekniki Ġenomiċi Ġodda huma ekwivalenti għal pjanti mnissla b'mod konvenzjonali, jew ikollhom jgħaddu minn valutazzjoni ambjentali u tas-sikurezza proporzjonata u bbażata fuq ir-riskju, u b'hekk titħaffef id-disponibbiltà tal-pjanti u l-prodotti miksuba minnhom, inkluż l-ikel u l-għalf, għall-benefiċċju tal-bdiewa u l-konsumaturi.

Kaxxa 2. Tekniki ġenomiċi ġodda – ikel sikur u sostenibbli

Patata reżistenti għall-mard¹³

Il-varjetajiet tal-patata antifungali huma diffiċli biex jitniissu minħabba li l-mard fungali huwa sever u jista' jegħleb ir-reżistenza. Minħabba d-disponibbiltà baxxa ta' varjetajiet b'reżistenza, il-patata hija fost l-għelejjel li jużaw l-aktar pestiċidi. Tekniki Ġenomiċi Ġodda


¹¹ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115, COM(2022)305 final, 2022/0196 (COD)

¹² Ragonnaud G., 2013. The EU seed and Plant Reproductive Material Market in Perspective: A Focus on Companies and Market Shares. Dipartiment tal-Politika B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjon. Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Parlament Ewropew.

¹³ Schneider, K., Barreiro-Hurle, J., Kessel, G. et al., 2023. Economic and environmental impacts of disease resistant crops developed with cisgenesis. EUR 31355, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Il-Lussemburgu. <https://doi.org/10.2760/715646>

jistgħu jappoġġaw u jħaffu l-proċess tat-tniissil biex jippermettu aċċess aktar rapidu għal varjetajiet antifungali.

Varjetajiet b'reżistenza durabbli għal dan il-mard jistgħu jnaqqsu l-użu tal-fungicida mingħajr ma jaffettwaw ir-rendimenti. Fil-patata, jista' jintlaħaq tnaqqis ta' 50-80 % fl-użu tal-fungicida, li jirrappreżenta ffrankar tal-kostijiet għall-bdiewa kif ukoll benefiċċju ambjentali importanti. Pereżempju, il-patata li hija reżistenti għall-marda tal-ġlata tal-patata hija stmata li twassal għal iffrankar ta' bejn 4 u 15 % tal-kostijiet għal kull ettaru.



Huwa importanti li l-qafas leġiżlattiv jiġi bbalanċjat u kkalibrat, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa u n-nissela jkollhom aċċess għal tekniki u materjal bi privattiva, sabiex tiġi promossa d-diversità taż-żerriegħa bi prezzijiet affordabbli, u jiġu salvagwardjati t-tniissil u l-kultivazzjoni ta' għelejjel konvenzjonali u organiċi mingħajr privattiva, filwaqt li tiġi appoġġata wkoll bis-sħiħ l-innovazzjoni fit-tniissil tal-pjanti billi jiġu ppreservati l-inċentivi ta' investiment, bħall-privattivi. Il-Kummissjoni se tivvaluta, bħala parti minn analiżi usa' tas-suq, l-impatt li l-privattivi tal-pjanti u l-prattiki relatati ta' liċenzjar u trasparenza jista' jkollhom fuq l-innovazzjoni fit-tniissil tal-pjanti, fuq l-aċċess tan-nissela għal materjal u tekniki ġenetiċi u fuq id-disponibbiltà taż-żrieragħ għall-bdiewa kif ukoll il-kompetittività ġenerali tal-industrija tal-bijoteknoloġija tal-UE. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar is-sejbiet tagħha sal-2026. Se tidentifika sfidi possibbli fis-settur u se sservi bħala bażi biex tiddeċiedi dwar kwalunkwe azzjoni ta' segwitu possibbli.

Flimkien mal-pakkett tal-lum, il-Kummissjoni tindirizza wkoll it-talba tal-Kunsill biex tippreżenta studju li jikkomplementa l-valutazzjoni tal-impatt tal-proposta għal Regolament dwar **l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**. Il-kontribut addizzjonali juri li l-proposta se tgħin biex tiggarantixxi s-sigurtà alimentari u tal-ġhalf fit-tul tal-UE. Filwaqt li jibni fuq id-dokument informali tal-Kummissjoni tal-2022, l-ambitu mnaqqas tar-restrizzjonijiet f'oqsma sensittivi jista' jgħin biex jiproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, filwaqt li jkollu impatt limitat fuq l-agrikoltura. Il-kontribut addizzjonali jissuġġerixxi wkoll

modi possibbli għall-koleġiżlaturi biex jikkunsidraw kif ikomplu jnaqqsu l-piż amministrattiv, b'mod partikolari għal azjendi agrikoli żgħar ħafna, u jenfasizza l-importanza tad-disponibbiltà ta' alternattivi suffiċjenti għall-pestiċidi kimiċi. Għalhekk, il-Kummissjoni tiddekrivi l-għażliet possibbli li l-koleġiżlaturi jistgħu jikkunsidraw, b'mod partikolari dwar l-istabbiliment ta' skedi ta' żmien iqsar għall-Istati Membri biex jippreżentaw abbozzi ta' rapporti ta' valutazzjoni għal sustanzi attivi ġodda ta' bijokontroll, li jippermettu awtorizzazzjonijiet provviżorji fil-livell tal-Istati Membri għal prodotti ta' bijokontroll u li jippermettu li jingħataw approvazzjonijiet għal perjodu ta' żmien illimitat fil-livell tal-UE għal sustanzi attivi ta' bijokontroll. Dan ikun ifisser li l-proċedura ta' approvazzjoni kurrenti li tiegħu fit-tul titnaqqas b'mod sostanzjali u jkun jistgħu jintużaw alternattivi bijoloġiċi ġodda kważi immedjament, meta l-Istati Membri jkun leste w l-ewwel valutazzjoni.

Ir-Regolament propost dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti se jikkonsolida, jaġġorna u jissimplifika l-qafas legali eżistenti fir-rigward tas-setturi kollha taż-żerriegħa billi jissostitwixxi l-10 Direttivi eżistenti. Dan se jagħti aċċess lill-bdiewa għal żrieragħ diversi u ta' kwalità għolja u għal materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti li jggarantixxu rendimenti stabbli, reżiljenza u karatteristiċi oħra minn varjetajiet ta' pjanti reżiljenti permezz ta' rekwiżiti ta' sostenibbiltà msaħħa fl-ittejtjar tal-varjetajiet (eż. ir-reżistenza għall-mard) għall-gruppi regolati kollha tal-għelejjel. Iż-żrieragħ derivati minn varjetajiet bħal dawn se jkun adattati aħjar għall-pressjonijiet tat-tibdil fil-klima u se jgħinu biex tiġi żgurata s-sigurtà alimentari. Il-proposta se tikkontribwixxi biex tilħaq 25 % tal-art agrikola b'biedja organika billi tiffaċilita r-reġistrazzjoni ta' varjetajiet organiċi permezz ta' regoli aġġustati għall-prinċipji tal-biedja organika. Il-proposta se tgħin fil-konservazzjoni u fit-tisħiħ tad-diversità ġenetika tal-għelejjel ikkultivati billi tintroduċi regoli inqas stretti dwar il-varjetajiet ta' konservazzjoni, in-networks għall-konservazzjoni taż-żrieragħ u l-iskambju f'tipi ta' żrieragħ bejn il-bdiewa u tappoġġa l-iżvilupp ta' taħlitiet ta' żrieragħ. Din se żżid ukoll l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' reġistrazzjoni/ċertifikazzjoni billi tipprovdi aktar flessibbiltà lill-operaturi u tippermetti l-użu ta' tekniki bijomolekulari u d-diġitalizzazzjoni.

Il-proposta għal Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti se tgħin biex jiġi żgurat li s-siġra x-xierqa titħawwel fil-post ix-xieraq biex il-foresti jirnexxu f'kundizzjonijiet klimatiċi kurrenti u futuri mbassra. Il-valutazzjoni tal-karatteristiċi tas-sostenibbiltà tas-siġar prinċipali tippermetti li jitħaffef l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima, u b'hekk tiġi żgurata l-produttività kontinwa tagħhom fil-futur. Ir-regoli li jiffaċilitaw il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti fil-periklu se jtejbu d-diversità ġenetika tas-siġar. Il-pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali se jgħinu biex tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' materjal riproduttiv tal-foresti għal żoni ta' rifestazzjoni affettwati minn avvenimenti estremi tat-temp, nirien, tifqigħat ta' pesti u diżastri oħra. Ir-regolament jipprovdi flessibilità biex jiġu applikati approċċi u azzjonijiet speċifiċi f'tipi differenti ta' foresti u ekosistemi tal-foresti u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' foresti reżiljenti, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u r-restawr tal-ekosistemi tal-foresti. Jappoġġa wkoll il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti.

4. L-iżgurar tal-użu effiċjenti tal-prodotti billi jiġi indirizzat l-iskart tal-ikel u tat-tessuti

Il-ħela tal-ikel hija waħda mill-akbar sorsi ta' ineffiċjenza u tpoġġi piż bla bżonn fuq ir-riżorsi naturali limitati, bħall-użu tal-art u tal-ilma. Madwar 59 miljun tunnellata ta' ikel (131 kg/abitant) jinħlew fl-UE kull sena b'valur tas-suq stmat ta' EUR 132 biljun¹⁴. Aktar minn nofs il-ħela tal-ikel (53 %) hija ġġenerata mill-unitajiet domestiċi, segwita mis-settur tal-ipproċessar u tal-manifattura (20 %). Huwa wkoll sempliċement inaċċettabbli li jinħela l-ikel fuq din l-iskala filwaqt li l-ġuħ qed jiżdied globalment u 32,6 miljun ċittadin tal-UE ma jistgħux jaffordjaw ikla xierqa kull jumejn.

Il-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel hija rebħa tripla: tiffranka l-ikel għall-konsum mill-bniedem u b'hekk tikkontribwixxi għas-sigurtà alimentari. Tgħin lill-kumpaniji u lill-konsumaturi jiffrankaw il-flus, u tnaqqas l-impatt ambjentali tal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel.

Minkejja s-sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-konsegwenzi negattivi tal-ħela tal-ikel, il-potenzjal sħiħ tat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel għadu ma ntlaħaqx. Il-miri proposti għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel għall-Istati Membri tal-UE jappoġġaw l-impenn tagħhom bħala parti mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli globali tan-NU li jersqu lejn it-tnaqqis bin-nofs tal-ħela tal-ikel fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur sal-2030. Il-miri se jstimulaw l-isforzi lejn l-iżvilupp ta' sistema alimentari dejjem aktar sostenibbli. Sabiex tiġi żgurata responsabbiltà komuni u kondiviża madwar l-UE, **il-proposta għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel** tistabbilixxi l-istess mira għal kull Stat Membru filwaqt li tħalli f'idejn kull Stat Membru biex jieħu l-aktar miżuri effettivi, imfassla għas-sitwazzjoni nazzjonali speċifika tiegħu, appoġġati minn inizjattivi biex jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki u r-riżultati miksuba bħall-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-ħela tal-ikel. Minbarra l-proposta leġiżlattiva, illum il-Kummissjoni qed tippubblika kompendju ta' soluzzjonijiet biex tgħin lill-atturi kollha jipprevjenu l-ħela tal-ikel fil-livell tal-konsumatur¹⁵. Il-kompendju jwieġeb għar-rakkomandazzjonijiet mill-panels ta' ċittadini organizzati reċentement biex jappoġġaw il-bidla fl-imġiba tal-konsumaturi¹⁶. Il-miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel huma mistennija li jwasslu benefiċċji ambjentali sinifikanti u ffrankar finanzjarju għall-konsumaturi (madwar EUR 400/unità domestika/sena).

Biex jiġu indirizzati l-punti ewlenin tal-ġenerazzjoni tal-ħela tal-ikel fl-UE u biex jitħaffef il-progress tal-Istati Membri lejn l-ambizzjoni globali, il-miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel huma differenzjati fil-katina alimentari kollha u bbażati fuq l-aktar evidenza xjentifika reċenti. Il-ġbir kontinwu tad-*data* se jippermetti li jiġi segwit u rieżaminat il-progress u li jsir kwalunkwe aġġustament meħtieġ, filwaqt li jitqies il-progress tal-Istati Membri maż-żmien. Dan se jappoġġa kontribut robust tal-UE lejn il-Mira 12.3 tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030 u se jinforma l-ambizzjoni għal aktar progress lil hinn minn dik id-data.

L-iskart tat-tessuti jpoġġi wkoll piż bla bżonn fuq ir-riżorsi naturali limitati. Madwar 78 % tal-iskart tat-tessuti ma jinġabarx separatament mill-konsumaturi u jispiċċa fi skart domestiku mħallat, maħsub biex jiġi inċinerat jew mormi f'miżbla. Din il-ġestjoni tal-iskart ineffiċjenti fir-riżorsi ma hijiex konformi mal-objettivi tal-ekonomija ċirkolari u twassal għal ħsara

¹⁴ [Food waste and food waste prevention - estimates - Statistics Explained \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&plugin=1)

¹⁵ [European Consumer Food Waste Forum | Knowledge for policy \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&plugin=1)

¹⁶ [ECPI_Citizens Recommendations_EN_final.pdf \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&plugin=1)

ambjentali fl-UE u f'pajjiżi terzi, inkluż f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u fost popolazzjonijiet vulnerabbli, permezz ta' livelli eċċessivi ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, konsum tal-ilma, tniġġis u użu tal-art. Ir-regoli proposti dwar l-introduzzjoni ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi għat-tessuti, u dwar l-iżguraw tal-ġestjoni xierqa tal-iskart tat-tessuti għandhom l-għan li jimplimentaw il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jipromwovu l-ekonomija ċirkolari għat-tessuti u jagħtu spinta lill-attivitajiet li jgħallu l-valur bil-potenzjal importanti li jinħolqu impjiegi lokali. Dawn ir-regoli se jtejjbu s-suq għat-tessuti użati, se jappoġġaw il-ħafna intrapriżi tal-ekonomija soċjali attivi fih, u se jstimulaw l-innovazzjoni fir-riċiklaġġ tat-tessuti. Iż-żieda fid-disponibbiltà tal-ħwejjeġ użati se toħloq opportunitajiet għaċ-ċittadini fl-UE u lil hinn minnha li jiffrankaw il-kostijiet, filwaqt li jsir iffrankar ukoll tar-riżorsi naturali. Regoli armonizzati dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur se jiffaċilitaw ukoll il-funzjonament xieraq tas-suq uniku u se jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-obbligu li jiġbru t-tessuti separatament mill-2025 b'mod koerenti, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi.

5. Konklużjonijiet

Il-konsegwenzi tal-kriżijiet klimatiki u tal-bijodiversità qed isiru dejjem aktar viżibbli, anke fl-Unjoni Ewropea. Dawn diġà jaffettwaw kważi lil kull ċittadin u kull settur tal-ekonomija. Peress li huma marbutin mill-qrib, hija meħtieġa azzjoni miż-żewġ naħat - it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità huma żewġ naħat tal-istess munita. Filwaqt li sar progress importanti fil-leġiżlazzjoni dwar il-klima, l-istess huwa meħtieġ dwar il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-UE, li fl-istess ħin għandu benefiċċji għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għalih u għall-bijodiversità.

Il-proposti leġiżlattivi ppreżentati illum huma meħtieġa biex jinżamm l-impenn tal-UE għan-newtralità klimatika, peress li l-pilastru tal-klima u tar-riżorsi naturali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew huma komplementari għal xulxin. Huma jikkostitwixxu wkoll element importanti biex tiġi żgurata s-sigurtà alimentari fit-tul għaċ-ċittadini Ewropej. Il-proposta tal-lum dwar il-ħamrija, pereżempju, se tgħin biex jitwettaq l-impenn li tiżdied il-kapaċità ta' assorbiment tal-bjar ta' karbonju naturali skont il-LULUCF kif ukoll fuq il-miri stabbiliti mil-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura u l-Liġi Ewropea dwar il-Klima, iż-żewġ proposti ewlenin taħt il-pilastru tal-klima u r-riżorsi naturali tal-Patt Ekoloġiku. Ħamrija b'saħħitha biss tista' taħżen il-karbonju u tipprovdi ekosistemi terrestri b'saħħithom li huma aktar reżiljenti għan-nixfiet, l-għargħar, il-mewġiet tas-sħana, u estremitajiet tat-temp oħra relatati mal-klima, u b'hekk tikkontribwixxi għar-reżiljenza ġenerali tal-UE. Riżorsi naturali b'saħħithom biss għandhom il-kapaċità li jiżguraw it-triq ta' għana lejn in-newtralità klimatika. Il-qafas ta' monitoraġġ propost u d-*data* rilevanti huma essenzjali biex jitfasslu l-miżuri ta' restawr konsegwenti skont il-ħtiġijiet lokali. Fl-istess ħin, din il-proposta hija kruċjali biex jiġu ffaċilitati r-rekwiżiti ta' monitoraġġ skont il-LULUCF u l-PAK. Hija tikkomplementa wkoll il-proposta għaċ-ċertifikat tal-assorbiment tal-karbonju. Ħamrija b'saħħitha se żżid l-ammont ta' karbonju maħżun u għalhekk il-valur tal-krediti tal-karbonju relatati, filwaqt li tagħti spinta lill-introjti tal-bdiewa.

Flimkien, il-proposti li diġà saru fil-pilastru tar-riżorsi naturali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ikkompletati mill-pakkett tal-lum, huma meħtieġa biex iwettqu l-obbligi legali tal-UE skont il-leġislazzjoni dwar il-klima diġà adottata, kif ukoll l-impenji multilaterali tal-UE fil-Qafas dwar il-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal hekk kif l-UE tkompli taħdem f'kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab tagħha lejn futur sostenibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-adozzjoni rapida tal-inizjattivi skont dan il-pilastru tal-Patt Ekoloġiku.